**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Wieħed u Tmenin (81)**

**28 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv fi Triq it-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fil-5.00pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Aaron Agius – Sindku

Victor John Curmi- Kunsillier

Stefan Bajada- Viċi-Sindku

Anthony Attard – Kunsillier

Victor Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marion Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgħa.

**81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

79.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 80**

79.2.1 Il-minuti ttieħdu bħala moqrija hekk kif dawn kienu ntbagħtu qabel il-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament approvaw dawn il-minuti.

**81.3 Kunsill Ċiviku**

81.3.1 Is-Sindku rreferra għall-proġett taċ-Ċentru Ċiviku fejn spjega li kollox jinsab wieqaf hekk kif il-Kunsill kien qed jistenna biex isiru t-testijiet fuq il-blat minn Terracore. Is-Sindku kien ġie nfurmat li dawn it-testijiet kienu ser isiru il-ġimgħa li ġejja biex b'hekk ix-xogħol ikun jista' jissokta mill-ġdid.

81.3.2 Il-Kunsillier Victor Zammit staqsa jekk il-pjanijiet biex isir ġibja għadhomx fis-seħħ. Is-Sindku kkonferma dan.

**81.4 Triq Stellini u Triq Ta'Karkar**

81..4.1 B'referenza għal Triq Stellini, is-Sindku spjega li l-culvert min-naħa tal-ilma kien tlesta. Is-Sindku spjega li kienu għaddejjin pjanijiet mill-Ministeru t'Għawdex u l-ERA biex is-siġar li hemm fit-triq jiġu rrilokati għal post ieħor.

81.4.2 Is-Sindku spjega li kienu qed jitħejjew ukoll is-*surveys* fuq Triq Ta' Karkar hekk kif hemm pjanat li din it-triq isir bis-servizzi ġodda tad-drenaġġ u servizzi ġodda li imbagħad jgħaqdu ma' dawk ta' Triq Mannar.

**81.5 Festival tat-Tin**

81.5.1 Is-Sindku spjega li l-preparamenti fuq dan il-festival kienu għaddejjin ġmielhom fejn fil-jiem li ġejjin kien ser jitwaħħal l-billboard.

81.5.2 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju jekk id-delegati mistieden kinux ikkonfermaw li se jattendu għal dan il-festival wara li ġew mistiedna fil-ġimgħat ta' qabel. Is-Segretarju spjegat li Chevaigne u Domus Di Maria għandhom avvenimenti fl-istess tmiem il-ġimgħa waqt li oħrajn kienu spjega li minħabba li hemm l-elezzjonijiet fit-8 ta' Ġunju ma jistgħux jikkommettu rwieħhom waqt li kien hemm oħrajn li naqsu milli jirrispondu. Is-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tibgħat tfakkira żgħira hekk kif iż-żmien qed joqrob.

81.5.3 Is-Segretarju ppreżentat il-kwotazzjonijiet tal-ikel għal dan il-festival. Kien hemm qbil unaninimu li l-ispiża totali kellha titnaqqas. Is-Segretarju ħadet nota biex minnufih tinforma lill-organizzatur.

*5.30pmIl-Kunsillier Anthony Attard ġie skużat mill-kamra tal-Kunsill.*

**81.6 Ħruġ tat-Tender tal-Electric Van**

81.6.1 Is-Sindku ppreżenta l-ittra ta-impenn fejn il-Kunsill kien se jiggwadanja mis-somma sabiħa ta' €52,440, 80% tal-ispiża skont l-istima provduta fl-applikazzjoni sottomessa taħt l-iskema maħruġa mil-Lesa aktar kmieni fil-bidu tas-sena. Il-Kunsill kien applikka għal van li taħdem bl-elettriku biex joffru transport lill-anzjani u dawk vulnerabli.

81.6.2 Din is-sejħa kellha toħroġ fuq l-EPPS il-Ġimgħa 31 ta' Mejju flimkien mas-sejħa għas-servizz tal-Perit tal-Kunsill.

**81.7 Komunikazzjonijiet oħra mis-Sindku**

81.7.1 Ma kienx hemm aktar komunikazzjonijiet min-naħa tas-Sindku.

**81.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

81.8.1 Il-Kunsillier Stefan Attard spjega li din kienet se tkun għalih l-aħħar laqgħa. Waqt li spjega li dawn il-ħames snin kienu għalih esperjenza indimentikabli

awgura lis-Sindku u l-Kunsilliera li kienu se jikkontesstaw għall-elezzjoni tat-8 ta' Ġunju 2024.

81.8.2 Il-Kunsillier Victor Curmi reġa' ġibed l-attenzjoni fuq l-arbli fi Triq It-Tafla li kienu għadhom ma tressqux 'il ġew anke jekk kien ressaq dan l-ilmeni xhur qabel. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat imejl mill-ġdid lill-Inġinier tal-Enemalta.

81.8.3 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa rigward it-talba għall-yellow line fi Triq Santa Verna li kienu għadu ma sarx. Is-Sindku spjega li kien qed isir studju fuqu min-naħa ta' Transport Malta fuq dan.

81.8.4 Il-Kunsillier Zammit ippropona li l-Kunsill jagħmel pressjoni biex isir play equipment għat-tfal fil-Park tal-Qortin li hu frekwentat minn ħafna familja bi tfal żgħar hekk kif kif m'hemm l-ebda play equipment għat-tfal f'dam id-*dog park*.

81.8.5 Il-Kunsillier Zammit ġibed l-attenzjoni fuq sewqan eċċessiv fi Triq Knisja u fi Triq Ġnien Xibla. Il-Kunsill iddiskutta li *patrolling* mill-*Community Police* jaf jgħin biex titnaqqas il-problema.

81.8.6 Il-Kunsillier Zammit talab li jsir *refreshing* fi Triq Gajdoru. Is-Sindku spjega li *refreshing* kien għaddej max-Xagħra kollha u kien diġa' sar f'din it-triq.

81.8.7 Il-Kunsill Zammit ressaq l-ilment minn diversi r-residenti ta' Triq Brieret dwar trakkijiet ta' kostruzzjoni li ma jaqtgħu xejn il-ġurnata kollha u ġibed l-attenzjoni fuq mera li hemm bżonn tittranġa. Il-Kunsill iddiskutta li hemm ħafna kostruzzjoni għaddejja f'din it-triq u ma hemmx wisq x'wieħed jagħmel.

81.8.8 Il-Kunsillier Victor Zammit talab biex jintbagħat il-kennies fin-naħa t'isfel ta' Triq Marsalforn wara li ilmenti li hu personalment irċieva. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

81.8.9 Il-Kunsillier Zammit talab li jsir *patching tul* Triq Il-Knisja u jinqata' l-ħaxix ta' Triq L-Għejun.

81.8.10 Il-Kunsillier Victor Zammit rreferra għad-diversi ilmenti li rċieva fuq kemm id-dawl kien qed ikun baxx. Il-Kunsill iddiskutta li dan ma jaqax taħt il-kompitu tal-Kunsill.

81.8.11 Il-Kunsillier ġibed l-attenzjoni dwar żgombru fuq bankini minn pjanti kbar fi Triq Ghajn Qamar. Il-Kunsill iddiskutta ilment simili għal pjanti fuq bankina fi Triq Spiera. Il-Kunsill qabel li dawn l-ilmenti kellhom jgħaddu lill- *Community Police* biex jieħu ħsieb jiġbed l-attenzjoni lis-sidien.

**81.9 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-residenti;**

81.9.1 09.05.2024 Ittra minn Dr Daniel Calleja għan-nom ta' Paul Sultana b'talba biex il-Kunsill jerġa' jagħmel Triq Jannar two-way. Is-Sur Sultana kien qed jitlob li l-Kunsill jieħu vot sabiex Triq Jannar ma tibqax one-way. Il-Kunsill ħa vot wara li ġiet moqrija din il-korrispondenza. Is-Sindku u l-Kunsill Stefan Bajada ma qablux li din isir *two-way* bil-Viċi Sindku jispjega li kienu intefqu eluf ta' liri biex isir dan it-*traffic management.* Il-Kunsillier Victor Curmi assestjena għaliex fl-opinjoni tiegħu għandhom jiġu kkonsultati r-residenti kollha ta' dik it-triq partikolari waqt li l-Kunsillier Victor Zammit qabel li tinstab art qrib fejn ir-residenti li s-soltu jibblukjaw it-triq ikollhom fejn jipparkjaw u hekk it-triq tkun tista' ssir two-way mill-ġdid.

81.9.2 09.05.2024 Ittra uffiċjali reġistrata l-Qorti minn Dr Daniel Calleja għan-nom ta' Yama Yami Limited fejn qed jitlob l-ammont ta' €18,101.77 għat-terminazzjoni prematura tal-kuntratt u €1,538.72 għall-invoices pendenti. Il-Kunsillier Victor Curmi talab lis-Segretretarju tiċċekja mal-avukat jekk għandiex titħallas l-*invoice* pendenti jew le waqt li l-Kunsill qabel li għandna nwieġbu lura bl-avukat.

*6.30pm Il-Kunsillier Anthony Attard daħal fil-Kamra tal-Kunsill*

81.9.3 14.05.2024 Ċir AKL 2024/36 Using META Effectively- Connecting to Community: making social media work for you training session. Sessjoni ta' taħriġ nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju mit-8.30am sas-13.30pm.

81.9.4 Programm tas-Sette Giugno li jinkludi quddiesa fid-9.30am il-Ħamis 6 ta' Ġunju u tqegħid ta' fjuri ħdejn il-mafkar fi Triq Bullara.

81.9.5 30.04.2024 CIR AKL 2024/031_Launch of All Digital Weeks 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

81.9.6 29.04.2024 Imejl mingħand is-Sur Gerard Caruana rigward talba għall-permess għal filming fl-10, 11 u 12 ta' Settembru r-Ramla l-Ħamra. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġezzjoni dramment li jinkisbu l-pernessi neċessrji mill-entitajiet konċernati.

81.9.7 Imejl minn Priscilla Pirotta għall-Konferenza Nazzjonali li ser ssir il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2024 fil-Palazz Veerdala fid-8.45 ta' filgħodu.

81.9.8 Talba għal sleeping police fi Triq Għajn Ħosna mis-Sur Theuma minħabba sewqan eċċessiv fil-kantuniera. Il-Kunsill qabel li niċċekjaw ma' TM hux possibli li jsir *tettering* peress li minn hemm tgħaddi l-bus.

81.9.9 Talba mis-Sa Axiaq għal double yellow line quddiem il-bieb tal-intrata minħabba problema ta' parkeġġ għall-ambulanza. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tgħaddi minnufih lil TM.

81.9.10 Talba għal double yellow line quddiem l-isqaq fi Triq Ġnien Imrik minħabba li qed jiġi mblukkat l-isqaq. Il-Kunsill qabel li dawn is-sinjali għandhom isiru.

81.9.11 Talba għal double yellow line quddiem 87, Gulgliena, Triq L-Għar ta' Ninu mis-Sur Stephen Lungaro Mifsud wara approvazzjoni mis-sid stess. Il-Kunsill qabel li din it-talba titmexxa ma' TM.

81.9.12 Talba mis-Sur Mark Bonnici biex il-*wiring* li hemm mal-faċċata tiegħu jiġu mgħoddi fil-culvert. Il-Kunsill iddiskutta li għandna niċċekjaw mal-kuntrattur peress li l-Kunsill qatt ma rċieva talbiet simili.

81.9.13 Ilment minn Gozo Property Administrator rigward is-sitwazzjoni ta' Triq Ġebla ta' Sansuna fejn qed jinsisti li l-istat tat-triq hu ħażin kemm għall-vetturi u n-nies li jgħaddu bil-mixi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

81.9.14 Ilment mis- Angus Spiteri fuq l-istat ħażin ta' Triq Kalypso. Qed jitlob ukoll li jsiru tabelli li jindikaw it-triq għar-Ramla. Il-Kunsill iddiskutta li hemm diversi tabelli u kellu jsir ftit *patching* fejn hemm bżonn.

81.9.15 Ilment minn Sandra Mercieca biex isir id-double yellow line fi Trejqet San Ġużepp, jitneħħa d-disable parking space fi Triq Santa Verna. Il-Kunsill qabel

li d-*double yellow line* kien ilu approvat u kellha s-Segretarju tiċċekja għalfejn baqa' ma sarx. Rigward id-*disbaled parking space* il-Kunsill iddiskutta li dan ma jistax jitneħħa.

81.9.16 Talba mill-President tal-Futbol, is-Sur Franco Debono għall-kollaborazzjoni biex isir mill-ġdid l-istruttura tal-azzar ta' taħt il-paneli. L-ispiża tammonta għal €855. Il-Kunsill qabel li għandu jikkoloborra. B'referenza għall-permess tal-attivita; mitlub mill-istess għaqda, waqt li l-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni ġie diskuss li għandha tinġibed l-attenzjoni biex isir il-playingfield wara l-avveniment jitħalla n-nadif.

81.9.17 Ilment mis-Sa Bajada biex isir pasaġġ quddiem il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku biex ikun hemm minn fejn jgħaddu b'mod is-sigur il-*pedestrians.* Is-Sindku spjega li dan il-passaġġ kien sar.

81.9.18 Talba mill-amministratur ta' Clear Point Residence biex isiru 1m double yellow lines mar-rampa tal-garaxx u faċċatta minħabb problema biex jintuża l-kumpless ta' garaxxijiet fi Triq Ġorf. L-istess amministrattur bagħat korrispondenza b'talba biex isir l-istess fi Triq Dun Gorg Preca għal Xagħra Lodge Block A u Block B. L-approval tal-faċċata. Il-Kunsill iddiskutta li l-1m mal-entratrua tal-garaxx għandu jitmexxa mal-Maintenance Unit fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex waqt li dikjarazzjoni mis-sid tal-faċċata li ma jsib l-ebda oġezzjoni li jsiru linji sofor quddiem ir-residenza tiegħu għandha tiġi ffirmata u preżentata lil Kunsill.

81.9.19 Cat Feeders Scheme fejn il-Kunsill għandu jipprovdi lista ta' *cat feeders* sa l-31 ta' Lulju 2024.

81.9.20 Dettalji taċ-Ċerimonja tal-Għoti tal-Ġurament tas-Sindki u l-Viċi-Sindki l-Ġimgħa 5 ta' Lulju 2024 fis-6.00pm ġewwa Pjazza Indipendenza It-Tokk, il-Belt Victoria.

81.9.21 Talba mis-Sur Steven Sultana biex il-Kunsill jikkollabora fil-ħlas tat-transport mix-xatt sax-Xagħra u lura wara l-parata tal-Iscouts. L-ispiża tammonta għal €82.60. Is-Segretarju spjegat li il-Kunsill kien ikkollabora bl-assistenza tal-pulizija liema spiża laħqet il-€252.60. Il-Kunsill qabel li kellu jikkollabora.

81.9.22 Talba għal bozza fi Triq Il-Knisja minn Martha Vella mar-residenza tagħha. Il-Kunsill unanimament qabel li kellha tiġi installata bozza ġdida.

81.9.23 Talba minn Victor Curmi biex tittranġa it-triq il-ġdida fi Triq Ġużeppi Bajada. IL-Kunsill qabel li għandna nibagħtu korrisponsenza lill-Kumitat Ismijiet tat-Toroq biex din it-triq tingħata isem u tintbagħat korrispondenza lill-Ministeru t'Għawdex biex jikkunsidra li ssir din it-triq.

81.9.24 Talba mill-Kunsillier Victor Curmi biex minflok ħajt isir crash barrier fi Triq It-Tafla. Il-Kunsill qabel li fil-kantuniera jsiru kemm *crash barriers* u jsir *tethering.*

81.9.25 Talba mill-Kunsillier Victor Curmi biex isir traffic management fi Triq It-Tiġrija għal Triq Marsalforn. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna li jiġi *awarded* it-tender tal-Perit biex imbagħad ikun jista' jaħdem fuq dan it-*traffic management.*

81.9.26 Talba mis-Sa Gatt ta' Triq Sruġ fejn qed titlob *double yellow line* quddiem il-bieb tal-intrata peress li qed isib problema biex tidħol u toħroġ mid-dar. Il-Kunsill qabel li din it-talba tintbagħat lil TM.

81.9.27 Talba mis-Sa Galea biex isir *traffic management* fi Triq Għajn Hosna, il-parti fejn it-triq min-Nadur tgħaqqad max-Xagħra. Il-Kunsill iddiskutta li din hi arterja u t-talba għandha tgħaddi lil Ministeru t'Għawdex.

81.9.28 Preżentazzjoni tal-kwotazzjonijiet għal stima ta' ħitan fir-raba'. Il-Kunsill innota din l-istima u kif deċiż fil-laqgħa preċedenti kellu jmexxi b'dan ix-xogħol.

**81.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

81.10.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet ippreżentatat fuq il-mejda tal-Kunsill.

81.10.2 Il-Kunsill Anthony Attard irrimarka li hu ma kienx qed jaqbel li ll-pagament tar-Reġjun għall-ġbir tal-iskart kellu jgħaddi. Is-Sindku u l-kumplament tal-Kunsilliera l-oħra approvaw il-pagamenti kollha fl-iskeda tal-pagamenti.

**81.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

81.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.25pm u ġiet aġġornata sine die.

Konfermati illum __________It-Tnejn 24 ta' Ġunju 2024___________________

____________________ ____________________

**Aaron Agius** **Marion Attard**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**